# Għerf Ġensna dwar ir-riħ mil-Lbiċ u mill-Punent




## IL-LBIĊ, RIĦ JEW XITA JĠIB

Fil-ħarifa nistennew xi ħalba xita sewwa. Meta r-riħ ikun ġej mil-Lbiċ, min-naħa ta' Birżebbuġa u dan ir-riħ jinħass ġej minn fuq Filfla, aktarx iġib fuq il-gżejjer Maltin xi maltempata, speċjalment meta jkun qed iberraq lejn dawk l-inħawi. Fil-fatt għandna qawl ieħor illi jgħid: "Il-beraq fil-Lbiċ, ix-xita jġib". Qawl ieħor dwar dan ir-riħ jgħid: "Sħab mil-Lbiċ, ix-xita żgur iġib". Bil-kelma "żgur" missirijietna donnhom kienu ċerti li meta jidher is-sħab lejn il-Lbiċ ikun ifisser illi ġej l-ilma. It-tlett iqwiel kollha juru li dan ir-riħ huwa marbut mal-maltemp. (par. 1)

Il-Lbiċ huwa kkonsidrat wieħed mill-irjiħat li ngħidu li huma "riħ isfel" u għalhekk huwa sinonimu għat-tidlik illi jġib miegħu dan ir-riħ, speċjalment meta dan ir-riħ jaħkimna fis-sajf; aktarx iġib temp imsaħħab u mdellek. Hawn min jemmen illi dan it-temp iġib ukoll ir-riħ, dan minħabba li warajh, ġeneralment idur ir-riħ mill-Majjistral u majjistralata tajba ġġib magħha riħ qawwi. (par. 2)

## GĦOMMA L-ĦARIFA, BARD FIX-XITWA

Dan il-qawl huwa pjuttost faċli biex ikun spjegat, minħabba li l-kelma "għomma" hija marbuta mas-sħana għaliex tfisser arja sħuna li taqtagħlek nifsek. Għalhekk permezz ta' dan il-qawl, l-antenati riedu juruna li meta fil-ħarifa tkun għadha xi ftit jew wisq sħana, ix-xitwa tkun aktar qalila u l-kesħa jaf tagħmel tagħha sew. (par. 3)

## IL-PUNENT IWIEGĦED U JAGĦTI

Riħ mill-Punent iżomm kelmtu. "Il-wegħda" hija meta jibda jissaħħab; donnu li s-sħab jibda jwiegħed illi ġejja x-xita, u "jagħti" għax meta s-sħab jifforma sewwa u jersaq fuq l-art, ma jgħaddix mingħajr ma jagħmel xogħlu, u għalhekk jagħti l-ilma li jkun inġema' fih. Qawl ieħor dwar dan ir-riħ huwa: "Meta jberraq il-Punent, ikun ilesti għall-maltemp". Riħ Punent huwa sinonimu li jġib miegħu l-maltemp. (par. 4)

**(Christopher Bonnici, Nisġet Artna N. 8 Ħarifa 2016)**

**A. Qari tas-silta**

L-istudenti jaqraw partijiet mis-silta biex jitħarrġu fil-pronunzja, il-punteġġjatura u l-intonazzjoni fost l-oħrajn.

**B. Għaqqad naħa ma' oħra biex tifforma l-qwiel li ltqajt magħhom fis-silta. Ikteb in-numru fil-kolonna li fiha t-tieni parti tal-qawl.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Lbiċ, riħ | | bard fix-xitwa. |
| 2 | Meta jberraq il-punent, | | ix-xita jġib. |
| 3 | Għomma l-ħarifa, | | jew xita jġib. |
| 4 | Il-beraq fil-Lbiċ, | | u jagħti. |
| 5 | Il-Punent iwiegħed | | ikun ilesti għall-maltemp. |

**Ċ. Immarka veru jew falz**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Jekk ir-riħ ikun ġej min-naħa ta' Birżebbuġa, u jinħass li ġej minn Filfla, ikun probabbli li se tagħmel ix-xita. | V | |
| 2. Skont missirijietna beraq fid-direzzjoni tal-Lbiċ huwa indikazzjoni li ġejja x-xita. | V | |
| 3. Il-Lbiċ huwa mqabbel ma' riħ frisk għaliex wara riħ mill-Lbiċ ġeneralment jonfoħ il-Majjistral. | | F |
| 4. "Għomma l-Ħarifa, bard fix-Xitwa" jfisser li jekk it-temp jaqleb f'daqqa mis-sajf għax-xitwa, fil-ħarifa ta' wara għandna nistennew ħafna sħana. | | F |
| 5. Il-Punent iwiegħed u jagħti jfisser li kull meta jinzerta dan ir-riħ hemm ċertezza ta' xita. | V | |

**D. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**

1. Semmi raħal li jinsab fil-Lbiċ ta' Malta.

______________________________

2. Liema kelma fil-qawl "Sħab mil-Lbiċ, xita żgur iġib", turi ċertezza li sħab fid-direzzjoni tal-Lbiċ isarraf fix-xita?

______________________________

3. Kemm għandna rjieħ sinonimi mar-riħ isfel?

______________________________

4. Għalxiex qed tirreferi l-frażi "iżomm kelmtu" fil-qawl "Riħ mill-Punent iżomm kelmtu"?

______________________________

______________________________

5. Għalfejn taħseb li missirijietna kienu jemmnu li r-riħ mill-Punent iġib il-maltemp? (Agħti żewġ raġunijiet mill-qwiel dwar dan ir-riħ.)

______________________________

______________________________

**E. Agħti kelma oħra li tfisser bħal dik b'linja taħtha:**

**(**postijiet, meqjus, missirijietna, riefnu, ħarxa**)**

1. ... meta jkun qed iberraq lejn dawk <u>l-inħawi</u> ... (par.1). _________________

2. Il-Lbiċ huwa <u>kkonsidrat</u> wieħed mill-irjiħat li ngħidu li huma "riħ isfel"... (par. 2) __________

3. ... majjistralata tajba ġġib magħha <u>riħ qawwi</u>. (par. 2) _______________

4. ... <u>l-antenati</u> riedu juruna li meta fil-ħarifa tkun għadha xi ftit jew wisq sħana ... (par. 3) _________

5. ... ix-xitwa tkun aktar <u>qalila</u> ... (par. 3) ______________

**F i.** Il-Qwiel huma ġabra ta' għerf li writna mingħand missirijietna. Huma kienu jqabblu t-temp ma' ċirkustanzi li nistgħu nħabbtu wiċċna magħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Imla l-vojt imbagħad poġġi n-numru tal-qwiel ħden it-tifsira tagħhom.

| | Qawl | Stampa li tirrappreżenta l-kelma nieqsa | | Tifsira |
|---|---|---|---|---|
| **0** | Meta jagħtas *il-qattus,* maltemp għandna fuq l-irjus. |  | | Il-verità ma tistax taħbiha. |
| **1** | Aħżen ___________ mis-sajf għax-xitwa. |  | | Wieħed m'għandux iħalli minn idu xi ħaġa ċerta għal oħra li mhix. |
| **2** | Titlaqx is-sħiħ għar-____________ . |  | **0** | Meta l-qattus jibda jagħtas, ifisser li l-maltemp hu fil-qrib. |
| **3** | Xemx u _____________ Alla jaf meta. |  | | Min ma jimxix bil-għaqal jistenna l-inkwiet. |
| **4** | Ix-xemx ma titgħattiex bl-_______________ . |  | | Aħseb għal meta tiġi bżonn. |
| **5** | Min jiżra' r-riħ jaħsad it-____________. |  | | Il-futur ħadd ma rah u għalhekk ħadd ma jaf x'se jiġri. |

**ii.** Issa li taf xi jfissru dawn il-qwiel tkellem dwar xi esperjenza li għaddejt minnha inti jew persuni li taf, li tirrifletti s-sens u t-tagħlima ta' dawn il-qwiel.

## G. Imla l-vojt f'dan ir-rapport tat-temp.

***Xi kliem li tista' tuża f'dan ir-rapport tat-temp:***

imsaħħab, xemxi, ħalbiet tax-xita, irxiex,

riħ ħafif / moderat / qawwi / qawwi ħafna ,

riefnu, fejn jaqbel.




### i. It-temp illum.

It-temp illum kien ______________________________________________.

Ir-riħ hu ___________________________________________________.

L-ogħla temperatura kienet _________ grad Celsius u dik ta' matul il-lejl kienet _________ grad Celsius.

Ix-xita mkejla fil-gżejjer Maltin f'dawn l-aħħar 24 siegħa, sa nofsinhar, kienet ________ millimetru:

### ii. It-tbassir tat-temp għal għada

It-temp għal għada mistenni jkun: _________________.

L-ogħla temperatura matul jil-jum se tkun ______ grad Celsius

u l-inqas temperatura għal matul il-lejl se tkun ______ grad Celsius.

L-indiċi tal-Ultravjola mistenni jkun ______.

Il-viżibilità: ___________________________________________________.

Ir-riħ: _______________________________________________________.

Il-baħar: _____________________________________________________.

L-imbatt: _____________________________________________________.